

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1675

tal-4 ta' Ottubru 2019

li jgħedded l-approvazzjoni tar-razza WCS850 tas-sustanza attiva *Verticillium albo-atrum* bħala sustanza b'riskju baxx skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) flimkien mal-Artikolu 22(1) tiegħi,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/113/KE (²) inkludiet ir-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* (li qabel kienet il-*Verticillium dahlia*) bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (³).
- (2) Is-sustanzi attivi li hemm fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkti fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (⁴).
- (3) Kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011, l-approvazzjoni tar-razza WCS850 tas-sustanza attiva *Verticillium albo-atrum* tiskadi fit-30 ta' April 2020.
- (4) Ġiet ippreżentata applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tar-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (⁵) fil-perjodu taż-żmien stipulat fl-istess Artikolu.
- (5) L-applikant ippreżenta l-fajls addizzjonali meħtieġa skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 844/2012. L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet kompluta.
- (6) L-Istat Membru relatur ġejja rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ppreżentah lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fl-1 ta' Novembru 2017.

(¹) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

(²) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/113/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta mikroorganiżmi bħala sustanzi attivi (ĠU L 330, 9.12.2008, p. 6).

(³) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerha t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

(⁵) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni tal-proċedura ta' tiġid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

- (7) L-Awtorità bagħtet ir-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġidid lill-applikant u lill-Istati Membri għall-kummenti tagħhom u għaddiet il-kummenti li rċeviet lill-Kummissjoni. L-Awtorità ppubblikat ukoll is-sommarju tal-fajl addizzjonali.
- (8) Fid-19 ta' Diċembru 2018, l-Awtorità bagħtet il-konklużjoni tagħha (⁹) lill-Kummissjoni dwar jekk ir-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* tistax tkun mistennija tissodisfa l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz inizjali tar-rapport tat-tiġidid għar-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fit-22 ta' Marzu 2019.
- (9) L-applikant ingħata l-opportunità jibgħat il-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport tat-tiġidid.
- (10) Ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati b'rabta ma' użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih ir-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum*.
- (11) Il-valutazzjoni tar-riskju għat-tiġidid tal-approvazzjoni tar-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* hi bbażata fuq għadd limitat ta' użijiet rappreżentattivi li, madankollu, ma jillimitawx l-użijiet li għalihom jistgħu jiġi awtorizzati l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ir-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum*. Għaldaqstant, jixraq li r-restrizzjoni għall-użu bħala fungiċċa ma tibqax fis-seħħ.
- (12) Il-Kummissjoni jidhrilha wkoll li r-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* hi sustanza attiva b'riskju baxx skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Ir-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* mhix sustanza ta' tħassib u tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5 tal-Annex II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Ir-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* hi mikroorganiżmu. Wara l-valutazzjoni mill-Istat Membru relatur u mill-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-użi maħsuben tagħha, hu mistenni li din tkun riskju baxx għall-bniedem, għall-annimali u għall-ambjent. B'mod partikolari, it-trasferiment potenzjal jew l-akkwist ta' reżistenza għall-antimikrobiċi ffungi bħar-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* hu multifattorjali u mħuwiex kodifikat minn ġene wieħed, u b'hekk it-trasferiment orizzontali ta' ġeni ta' reżistenza bejn l-ispecċijiet fungali jidher li hu rari ħafna u mhux assoċjat ma' mekkaniżmi spċifici, kif deskrirt għall-batterji. Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li mhi tintwera l-ebda reżistenza multipla għall-antimikrobjali użati fil-mediċina umana u veterinarja.
- (13) Għaldaqstant, jixraq li tiġġedded l-approvazzjoni tar-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* bħala sustanza b'riskju baxx.
- (14) Madankollu, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, jeħtieġ jiddaħħlu ċerti kundizzjonijiet.
- (15) Għalhekk ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 jenħtieġ jiġi emendat skont dan.
- (16) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/168 (⁷) estenda l-perjodu tal-approvazzjoni tar-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* sat-30 ta' April 2020 biex il-proċess tat-tiġidid ikun jista' jtitlesta qabel ma tiskadi l-approvazzjoni ta' dik is-sustanza. Madankollu, peress li laħqet ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġidid qabel dan il-perjodu estiż, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda jaapplika minn qabel.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

(⁹) L-EFSA Journal 2019;17(1):5575. Jinsab fuq: www.efsa.europa.eu.

(⁷) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/168 tal-31 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi abamektina *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subspeċi *Aizawai*, *Bacillus thuringiensis* subspeċi *israeliensis*, *Bacillus thuringiensis* subspeċi *kurstaki*, *Beauveria bassiana*, *benfluralin*, *klodinafop*, *kloprialid*, *Cydia pomonella* Granulovirus (CpGV), *ċiprodinil*, *diklorprop-P*, *eposikonażol*, *fenpirossimat*, *fluważinam*, *flutolanil*, *fosetyl*, *Lecanicillium muscarium*, *mepanipirim*, *mepikwat*, *Metarhizium anisopliae* var. *Anisopliae*, *metkonażol*, *metrafenon*, *Phlebiopsis gigantea*, *pirimikarb*, *Pseudomonas chlororaphis* razza: MA 342, *pirimetanil*, *Pythium oligandrum*, *rimsulfuron*, *spinosad*, *Streptomyces K61*, *tijkloprid*, *tolklofós-metil*, *Trichoderma asperellum*, *Trichoderma atroviride*, *Trichoderma gamsii*, *Trichoderma harzianum*, *triklopir*, *trinessapak*, *tritikonażol*, *Verticillium albo-atrum* u żiram (ĠU L 33, 5.2.2019, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva tar-razza WCS850 tal-*Verticillium albo-atrum* hi mġedda kif stabbilit fl-Anness I.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011

L-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 hu emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1-4 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER*

ANNEX I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet spċifici
Ir-razza WCS850 tal-Veriticillium albo-atrum (ġabra ta' kolturi bin-Nru CBS 276.92)	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minn: 0,7 x 10 ⁷ CFU/ml ta' ilma distillat Konċentrazzjoni massima: 1,5 x 10 ⁷ CFU/ml ta' ilma distillat Lebda impurità relevanti	L-1 ta' Novembru 2019	Il-31 ta' Ottubru 2034	Għall-implementazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu 1-konklużjonijiet tar-rapport tat-tidid b'rabta mar-razza WCS850 tal-Veriticillium albo-atrum u b'mod partikolari l-Appendix ġejet I u II tiegħu. F'din il-avalutazzjoni ġenerali, l-Israt Membri għandhom jagħtu attenżjoni partikolari ill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiem, u jiqsu li r-razza WCS850 tal-Veriticillium albo-atrum għandha titqies bħala sensitizzatur potenzjal. Il-produttur għandu jiżgura li tul il-proċess tal-manifattura jkun hemm manutenżjoni stretta tal-kundizzjoni ambjentali u analiżi tal-kontroll tal-kwalitā, hallo jkun żgurat li jiġu ssodisfati l-limiti b'rabra mal-kontaminazzjoni mikrobijalogġi kif imsemmi fid-Dokument tal-OECD dwar il-Limiti fuq il-Kontaminazzjoni Mikrobijni għall-Prodotti tal-Kontroll tal-Pestiċċidi Mikrobijni fid-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni SANCO/12116/2012. ⁽²⁾

⁽¹⁾ data tal-Pestiċċidi tal-UE).Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport tat-tidid (il-bażi tad-⁽²⁾ https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/plant/docs/pesticides_ppp_app-proc_guide_phys-chem-ana_microbial-contaminant-limits.pdf

ANNEX II

L-Annex tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 hu emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A, titħassar l-entrata 209 dwar il-*Verticillium albo-atrum*;

(2) fil-Parti D, tiżdied l-entrata li ġejja:

Nru	Isem Konuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet spċifici
“18	Ir-razza WCS850 tal- <i>Verticillium albo-atrum</i> (ġabra ta' kol-turi bin-Nru CBS 276.92)	Mhx applikabbi Konċentrazzjoni minnha: 0,7 x 10 ⁷ CFU/ml ta' ilma distillat Konċentrazzjoni massima: 1,5 x 10 ⁷ CFU/ml ta' ilma distillat L-ebda impurità rile-vanti	L-1 ta' Novembru 2019	Il-31 ta' Ottubru 2034	Għall-implementazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġiesu l-konklużjoni tat-tidid b'rasha mar-razza WCS850 tal- <i>Verticillium albo-atrum</i> u b'mod partikolari l-Appendixjet I u II tiegħu. F'din il-ralutazzjoni ġenerali, l-istati Membri għandhom jaġħu attenzjoni partikolari ill-protezzjoni tal-operaturi u tal-haddiemu, u qisuu li r-razza WCS850 tal- <i>Verticillium albo-atrum</i> għandha titqies bħala sensitizzatur potenziżi. Il-produttur għandu jīzgura li tul il-proċess tal-manifatura jkun hemm manutenżjoni stretta tal-kundizzjoni jiet ambientali u analiżi tal-kontroll tal-kwalità, hallo ikun żgurat li jiġi ssodisfat i-limitti b'rasha mal-Kontaminazzjoni mikrobioloġika kif imsemmi fid-Dokument tal-OECD dwar il-Limiti fuq il-Kontaminazzjoni Mikrobijal għall-Prodotti tal-Kontroll tal-Pesticiди Mikrobijal fid-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni SANCO/12116/2012 (2).”	

(1) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva iż-żinsabu fir-rapport tat-tidid.

(2) https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/plant/docs/pesticides_ppp_app-proc_guide_phys-chem-ana_microbial-contaminant-limits.pdf.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1676**tas-7 ta' Ottubru 2019**

li jikkoreġi xi wħud mill-verżjonijiet tal-lingwa tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħi,

Billi:

- (1) Il-verżjoni tal-lingwa Ċeka tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 fiha l-iżbalji fl-Anness II, il-Parti A, it-Tabella 2 u fl-Anness II, il-Parti E, il-kategoriji tal-ikel 02.1, 02.2.2, 04.2.5.1, 04.2.5.2, 04.2.5.3, 08.2, 08.3.1, 08.3.2, 08.3.3, 14.1.4, 15.1 u 15.2. Għaldaqstant, fil-verżjoni tal-lingwa Ċeka, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet tal-użu (restrizzjonijiet/ eċċezzjonijiet) tal-addittivi tal-ikel f'dawk id-dispożizzjonijiet jiġu kkoreġuti sabiex tkun żgurata ċ-ċarezza ġuridika għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.
- (2) Il-verżjoni tal-lingwa Latviana tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 fiha żball fl-Anness II, il-Parti E, il-kategorija tal-ikel 04.1.2. Għaldaqstant, fil-verżjoni tal-lingwa Latviana, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet tal-użu (restrizzjonijiet/ eċċezzjonijiet) tal-addittivi tal-ikel f'dik id-dispożizzjonijiet jiġu kkoreġuti sabiex tkun żgurata ċ-ċarezza ġuridika għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.
- (3) Il-verżjoni tal-lingwa Slovakka tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 fiha żball fl-Anness II, il-Parti E, il-kategorija tal-ikel 07.1. Għaldaqstant, fil-verżjoni tal-lingwa Slovakka, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet tal-użu (restrizzjonijiet/ eċċezzjonijiet) tal-addittivi tal-ikel f'dik id-dispożizzjonijiet jiġu kkoreġuti sabiex tkun żgurata ċ-ċarezza ġuridika għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-verżjonijiet tal-lingwa Ċeka, Latviana u Slovakka tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet tal-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

⁽¹⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.